# IL-PULIZIJA

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
LIBRARY




Vol. 6 No. 5




In 1975 Mid-Med Bank Limited was established to take over the business of Barclays Bank International Limited in Malta and Gozo. Barclays had originally taken over, 50 years earlier, the business of the Anglo-Egyptian Bank, which bank had been established in Malta since 1881! So, in reality, though we are only 10 years old, our foundations were laid over 100 years ago.

Since its formation in 1975 Mid-Med has increased Customers' Funds by 137% and Advances to customers by 88% – a truly remarkable growth!

Mid-Med Bank Limited

**HEAD OFFICE – 233 REPUBLIC STREET**
**VALLETTA**
**MALTA**

*The 10-year old Bank with over 100 years of experience*

# IL-PULIZIJA

SETTEMBRU-OTTUBRU 1986

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: Surġent Joe Calleja



Bord Editorjali: Spettur N. Schembri; Spettur J. Agius; Surġent Maġġur E. Bellia; Surġent Maġġur A. Tanti; Surġent 419 A. Sciortino, Surġent 578 M. Saliba.


## KOPERTINA:

Waħda mill-ewwel vetturi tas-Sezzjoni tat-Tifi tan-nar tal-korp tal-Pulizija, miżmuma f'kundizzjoni tajba, għal meta tiġi bżonn toħroġ mal-kumplament tal-vetturi f'din is-Sezzjoni.

## EDITORJAL

# IL-FLUS TQASSMU

*•FIT-30 ta' Awissu 1986, dawk it-tlett membri tal-Korp; il-Kuntistabbli Peter Barbieri, il-Kuntistabbli Godfrey Cassar u s-Surġent Joseph Micallef, li kienu sfaw vittma ta' att terroristiku u ġew midruba gravament fi splużjoni ta' bomba li tpoġġiet fl-Għassa ta' tas-Sliema, ġew mogħtija bejnithom is-somma ta' Lm16,854.12,9. Ta' min ifakkar li din is-somma ta' flus inġabret minn fost il-poplu Malti kollu wara li d-diriġenti tal-Korp tal-Pulizija, permezz ta' ċirkolari interna kienu niedu fond li l-iskop tiegħu kien biex jinġabru flus minn fost il-membri tal-Korp biex jingħataw lill-vittmi u l-familjari tagħhom. Is-solidarjetà li wrew il-membri tal-Korp, kif ukoll il-pubbliku in ġenerali permezz tal-kontribuzzjonijiet ġenerużi tagħhom kienet kbira ħafna.*

*Ma nistax ma nsemmiex l-interess li wera l-Prim Ministru li sa mill-bidu nett, mill-ġurnata tad-disgrazzja, huwa ried li dawn it-tlett membri tal-Korp jingħataw kull għajnuna medika possibli. Hawnhekk ta' min ifakkar li wieħed minn dawn it-tlett membri kien mar barra minn Malta u rċieva kura speċjali.*

*Din id-disgrazzja tfakkarni f'disgrazzja oħra li kienet issuċċedit qrib l-aħħar tas-sena 1984 fejn żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija u membri oħra tat-Task Force kienu tilfu ħajjithom fuq patrol boat fil-qadi tad-doveri tagħhom. Żgur li kull min għandu ftit snin servizz jiftakar lil sħabna s-Surġent Saviour Muscat u l-Kuntistabbli Joseph Hare. Il-ġurnata ta' din id-disgrazzja għadha fuq fomm kulħadd u żgur li ħadd ma nesa l-ġurnata meta l-poplu Malti ħareġ fit-toroq biex jagħti l-aħħar tislima lil dawn iż-żewġ membri tal-Korp u l-membri l-oħra tat-Task Force.*

*Ftit żmien ilu l-familjari ta' dawn iż-żewġ membri tal-Korp u l-familjari tal-Kuntistabbli Paul Zammit li kien ukoll miet f'disgrazzja waqt il-qadi tad-doveri tiegħu, irċevew is-somma ta' Lm5000 kull wieħed bħala għajnuna. Din l-għajnuna waslet mingħand il-Gvern wara talba li kien għamel il-Kummissarju tal-Pulizija Dr L. Pullicino LL.D.*

*Permezz ta' dawn il-ftit linji nixtieq ukoll insellem lil ex Kuntistabbli Paul Zammit li dan, bħaż-żewġ membri l-oħrajn li semmejt kien tilef ħajtu waqt li huwa kien qiegħed jaqdi xogħol importanti biex jipproteġi lis-soċjetà tagħna.*

*Nixtieq ukoll nirringrazzja lil Maltin kollha li wrew is-solidarjetà tagħhom mal-Korp tal-Pulizija.*

## F'Din il-Ħarġa


Ir-Reklutaġġ fil-Korp tal-Pulizija ..................2
Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ..................3/4
Fibre Evidence ..................5/9
Fatti dwar l-A.I.D.S. ..................6/7
Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi ..................8/9
Firearms ..................10/11/23
The History of Photography ..................12/13
Activities by the Entertainment Committee ..................14/15
Kompetizzjoni bil-Premju ..................15
Hobbies ..................16
Mid-Dinja Mużikali ..................17/18
Legal Notes ..................19
Paġna għat-Tfal ..................20
Serati Memorabbli fit-Teatru Manoel ..................21
Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija ..................22/23
L-Isla u l-Bambiña ..................24
Mużew ta' Oġġetti u Storja tal-Pulizija ta' Malta ..................25
Sports ..................26


1


2

# IR-REKLUTAĠĠ FIL-KORP TAL-PULIZIJA

**F'Lulju ta' din is-sena, erġajna rajna numru ieħor sabiħ ta' wċuħ ġodda fil-Korp tal-Pulizija. Dan sar wara li dawn għaddew minn eżamijiet diversi.**

Bejn is-7/7/86 u t-3/8/86 sar id-dsatax il-Kors (crush course) għal dawn ir-rekluti ġodda. Dawn bħal ta' qabilhom għaddew erba' ġimgħat flimkien, jitgħallmu diversi suġġetti li jirrigwardaw ix-xogħol ta' Pulizija, kif ukoll eżerċizzi fiżiċi.

Tul il-Kors, dawn ir-rekluti jibdew il-ġurnata bil-"Fall In" u "Drill Practice" li jsir ġewwa is-C.I.D. 'yard'. Dan jibda fis-0700 sat-0800 ta' fil-għodu. Wara jkomplu l-lezzjonijiet f'diversi suġġetti minn diversi uffiċjali tal-Korp, u anke minn lecturers pajżana li ma għandhom bżonn l-ebda introduzzjoni. Wara l-lezzjonijiet, dawn ir-rekluti, jingħataw ikel servut fl-Other Ranks Canteen u provdut mill-kċina ta' Depot. Hawn ta' min ifaħħar il-kwalità tajba ta' ikel li jiġi imħejji. Qiegħed ngħid ikel tajjeb, għax wara diskussjonijiet ma min hu konċernat, qbilna li dawn ma jinagħtawx ikel li jħaxxen, bħal patata, għaġin, eċċ. Dan għamilnih għax bejn is-siegħa u nofs u l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar dawn ir-rekluti jingħataw taħriġ fiżiku, u taħriġ fis-'self defence'. Dan it-taħriġ isir f'Ta' Kandia Police Training School, ġewwa s-Siġġiewi. Fil-ħamsa, dawn jerġgħu jirritornaw id-Depot, u wara li jingħata l-'ALL CORRECT' lil R.S.M. minn min ikun inkarigat dawn jintbagħtu d-dar, u jerġgħu jirritornaw l-għada fil-għodu.

Ta' min igħid ukoll li complaints ftit li xejn kien hemm, jew aħjar, ikun hemm. L-istess jista' jingħad għal 'minor injuries' waqt it-taħriġ fiżiku. Ta' min ifakkar li għalkemm it-taħriġ fiżiku kien jingħata dejjem wara nofs in-nhar u s-sħana kienet tremenda, kulħadd għamel ħiltu kollha u kollox mexa kif mixtieq. Taħriġ ieħor importanti li dawn ir-rekluti ngħataw, kien taħriġ fuq ir-revolver 'WEBLEY' small arms. Dan it-taħriġ isir ġewwa l-'POLICE RANGE', Floriana. Ta' min ifakkar li din l-arma hija t-tip ta' arma li Pulizija jiltaqa' magħha ġewwa l-għases.

Għalkemm ma kienx hemm ħin biżżejjed kif wieħed jixtieq, is-sustanza għal dan it-taħriġ kulħadd jaf x'inhi.

## ĠEST UMAN

Wieħed irid isemmi wkoll, il-ġest sabiħ li dawn il-membri l-ġodda għamlu, kif għamlu ta' qabilhom ukoll, li marru jagħtu d-demm. Dan jekk inhu possibli sejjer jibqa' jsir fil-ġejjieni. Fl-aħħar tal-Kors dawn il-membri ġodda reġa' kellhom reviżjoni ta' dak li għamlu. Ħaġa sabiħa u tajba hija, li dawn il-Pulizija, ġew 'posted' fl-aħħar ġimgħa tal-Kors, fejn wara nofs in-nhar, jingħataw taħriġ skond fejn ikunu ġew 'posted'.

Ngħalaq billi nirringrazzja qabel xejn lill-Kummissarju u Uffiċjali oħra, talli dejjem laqgħu l-ilmenti tagħna, biex dawn il-'COURSES' ikomplu jikbru fuq skala tajba u aħjar għal ġid ta' pajjiżna.


3

*Fir-ritratti jidhru Pulizija waqt id-Drill Practise (1); sejrin għal xogħol 'Posted' lilhom (2); u waqt it-Taħriġ Fiżiku (3).*

# JOHN PORTELLI ENTERPRISES LTD.

★ *Travel Agents*
★ *Tour Planners*

**7 MAIN SQUARE – VICTORIA – GOZO – MALTA**
**Tel: 556236**
**108 ST. JOHN STREET – VALLETTA – MALTA**
**Tel: 627016**

*FOR ALL YOUR TRAVEL REQUIREMENTS*



IATA

TOM BOY






THE

# TOM BOY BAR AND RESTAURANT

- Centrally located opposite the Gozo Secondary Schools
- Fully air conditioned

***Famous for its delicious Pizzas and a variety of 60 items to choose from on the menu.***

**Kennedy Square,**
**Victoria**
**Tel: 551382**

# PARAMOUNT GARAGE



255 Constitution Street
Mosta

***Malta's largest Bus Hire Fleet including Mini-Buses and Self-Drive Cars***

GENERAL HIRE SERVICE
Tel: 441193 – 443296

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

## *PUNTI DWAR DIVERSI SUĠĠETTI GĦAD-DISKUSSJONI*

● MATUL din is-sena l-Kumitat Ċentrali ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ma tantx iltaqa'. Dan m'għamlux għax ma kienx hemm x'wieħed jiddiskuti iżda ħafna mill-ilmenti li tisma' mingħand il-Membri tal-Korp jikkonsistu f'dik it-talba li l-kumitat tas-sena l-oħra kien għamel fejn kienet saret talba sabiex issir laqgħa mal-Prim Ministru u li f'din il-laqgħa kellhom jiġu diskussi diversi suġġetti li l-aktar jinvolvu l-Pulizija direttament. Ħalli nerġgħu nsemmu dawn il-punti u ngħidu xi ħaġa dwar kull wieħed minnhom.


**RAPPORT MIS-SURĠENT**

**MARIO SALIBA**

**PRESIDENT ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA**


1) Rigward l-extra duty li kienet inħademt fl-1983 u sal-lum għadha ma tħallsitx. Aħna ma nistgħux nifhmu x'inhu jżomm lill-Awtoritajiet sabiex il-Pulizija jitħallsu ta' dik l-Extra Duty li kienu ħadmu wara li l-flus kienu kollha ngabru. Aħna dejjem sostnejna li l-Extra Duty qatt ma kienet Overtime u dan ġie aċċettat għaliex issa li reġgħet ġiet introdotta l-Extra Duty minkejja li l-Policy tas-sospensjoni tal-Overtime fid-Dipartimenti tal-Gvern għadha sseħħ ifisser li la issa l-Extra Duty mhix Overtime l-anqas dik li nħadmet fl-1983 ma kienet Overtime.

2) Rigward it-tieni talba sabiex terġa' tibda tinħadem l-Extra Duty din kif jaf kulħadd reġgħet ġiet introdotta u ta' dan il-Membri tal-Korp urew l-apprezzament tagħhom lejn kull min għen sabiex din it-talba tintlaqa'.

3) Huwa ta' min josserva li r-reklutaġġ fil-Korp tal-Pulizija din is-sena ħa spinta 'l quddiem billi deher li bdew jiġu reklutati diversi membri ġodda f'perijodi qosra bejn reklutaġġ u ieħor kif kienet issuġġerit u talbet l-Assoċjazzjoni.

4) Il-membri stazzjonati fil-Ħabs Ċivili hemm ħafna x'wieħed jgħid dwarhom iżda jidher li din is-sena sar xi titjieb u xi diskripanzi li kienu jeżistu ġew eliminati.

5) Waħda mill-pre-okkupazzjoni l-aktar li tieħu ħin u li tinvolvi xogħol lill-Korp tal-Pulizija huwa bla dubju l-investigazzjoni ta' diversi "traffic accidents" li jsiru ma' Malta kollha. Wasal iż-żmien li issa wara li n-numru ta' vetturi qabeż il-mitt elf u d-diversi accidents żdied sew, jidher ukoll li l-maġġoranza ta' dawn l-accidents jkunu ta' natura ħafifa u mingħajr korrimenti (j'Alla l-accidents kollha jkunu mingħajr korrimenti), m'għadhiex aktar prattika li min ikun involut f'dawn it-tip ta' accidents għandu jħalli l-vettura fil-post sakemm jiġu l-Pulizija jkejlu minkejja li ħafna drabi l-post tal-inċident ikun traffikuż u minħabba dak l-aċċident jiġi mizmum it-traffiku kollu. F'ċerti lokalitajiet ikun hemm aktar minn aċċident wieħed u sakemm tiġi l-Pulizija minn post għal ieħor jgħaddi l-ħin u l-konfużjoni tat-traffiku aktar tikber. Ta' min isemmi wkoll il-ħafna xogħol ta' paper work li kull kolliżjoni tinvolvi u li kif għed aktar qabel il-Pulizija tista' tiddedika l-ħin tagħha għal aktar xogħol ta' siwi u importanza.

6) L-introduzzjoni tal-ġimgħa ta' erbgħin siegħa għall-Membri tal-Korp hija waħda mit-talbiet l-aktar ġusti li hemm pendenti għaliex il-lum huwa fatt aċċettat minn kulħadd li l-ħaddiema kważi kollha jgawdu din il-ħaġa. Fejn kien hemm xi diffikultajiet rigward il-pubbliku dejjem kien hemm alternattivi u naħsbu li għall-Pulizija hemm ukoll.

7) L-istess jista' wieħed jgħid għall-ħlas doppju fil-Ħdud u Festi. Il-Ħdud u l-Festi jiġu għal kulħadd anke għall-Pulizija u l-maġġoranza tal-Membri tal-Korp għandhom ukoll il-familji tagħhom li min jaf kemm-il darba jiġu mċaħħda mill-preżenza tagħhom fil-Ħdud u l-Festi għaliex ikunu xogħol.

8) Rigward in-nuqqas ta' trasport għal użu waqt ix-xogħol tal-Pulizija, nistgħu ngħidu li mar ħafna 'l quddiem, speċjalment fis-sezzjoni tal-Mobile Unit, C.I.D., Security, eċċ. Iżda fir-rigward tad-Distretti għad hemm ħafna x'isir u li sar s'issa huwa ftit wisq. Nittamaw li l-affarijiet jirranġaw malajr u dan qegħdin ngħiduh sabiex inkunu nistgħu ntejbu l-effiċjenza tagħna.

Il-perijodu li Membru tal-Korp għandu jservi minn dejjem kien wieħed mis-suġġetti topiċi, iżda qatt ma kien kontroversjali għaliex kulħadd jaqbel li l-Pulizija sabiex tieħu l-aħjar servizz tiegħu dan trid tieħdu meta jkun fl-aħjar stat ta' saħtu. Minħabba s-sitwazzjonijiet li jista' jiltaqa' magħhom waqt il-qadi ta' dmirijietu, l-Pulizija għandu jkun fiżikament fi stat jekk hu possibli perfett jekk ma jridx li jkun suġġett għal kritika u din ma tantx tkun skarsa u ħanina magħna. Hawnhekk ta' min isemmi li wara ħamsa u għoxrin sena li tkun tajt l-aħjar żmien ta' ħajtek lill-poplu sew jekk dan ikun jirrispettak, kif

● *ikompli f'paġna 4*

### *AWGURI...*

Nixtiequ minn din il-paġna nawguraw suċċess lis-Segretarju tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija li wara l-aħħar eżamijiet li għamel ġie promoss għar-rank ta' Spettur. Nawguraw lill-Ispettur Raymond Zammit kull suċċess fix-xogħol ġdid tiegħu kif ukoll li jibqa' jagħti l-kontribuzzjoni siewja tiegħu lill-Association.

# MOSTA VIDEO RENTALS




**58, Eucharistic Congress Road,
Mosta – Tel: 493183**

***For Best Quality
& Latest Releases***

***Special Discounts for Members of the
Police Force on presentation of the Police
I.D. Card***

**50%** Membership Fee

**25%** On every Film Hired

---

*Yorkie Clothing*







## YORKIE CLOTHING INDUSTRY LTD.

**UB 17B SAN ĠWANN INDUSTRIAL ESTATE,
BIRKIRKARA – MALTA**

**Tel: 511493/4.**
**Telex: 577 Yorkie MW Malta.**
**Bankers: Bank of Valletta Ltd., San Ġwann.**

***SPECIALISTS IN
MEN'S AND LADIES'
OUTERWEAR AND UNIFORMS.***

Managing Director: V. Calleja.

# *Everyone knows that the FIAT UNO is one of the best selling cars in Europe...*





FIRE 1000

## *...Hardly anyone knows that the UNO, equipped with a new designed "Fire" engine, beats the lot in its class regarding fuel economy.*

**FIRE:**
Fully Integrated Robotized Engine

4 Cylinders in Line
Bore x Stroke: 70 x 64.9mm
Bore/Stroke ratio: 0.927
999cc displacement
Compression ratio: 9.9:1
Max power output:
45 bhp at 5000 rpm
1 Weber 32 TLF/250
single choke carburettor
Max Torque: 8.2 kgm at
2750 rpm
Breakerless electronic ignition
with vacuum advance control
Light allow cylinder head
Overhead camshaft
Vertical and Parallel valves
5 main bearings
Cast iron drive shaft

**Fire 1000 engine strong points:**

● Sophisticated research and development technology ● Reduced number of components, some 94 fewer than the 903 engine ● Compact size and greatly reduced weight (69 kgs only) ● Good fuel economy (up to 15% better than present day engines in its class) ● Maintenance almost free.

### VERSIONS AVAILABLE IN MALTA
AVAILABLE FROM STOCK

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| UNO 45 | 999cc | 45 BHP | 3 Door | 145 kmh/h |
| UNO 60L | 1116cc | 58 BHP | 5 Door | 155 km/h |
| UNO 70S | 1301cc | 65 BHP | 5 Door | 165 km/h |
| UNO TURBO | 1301cc | 105 BHP | 3 Door | 208 km/h |

***See them at U.C.I.M. Co. Ltd., Msida Valley Road, B'Kara.***
***Tel: 443467, 445965, 491003, 492207/8/9***

● *ikompli minn paġna 3*

ukoll lil dawk li dejjem lesti sabiex ifixkluk, huwa żmien biżżejjed u jkun wasal iż-żmien li wieħed jista' jserraħ ftit il-menti mit-tensjoni li jkunu għadda hu flimkien mal-membri tal-familja tiegħu. Inħossu li wara ħamsa u għoxrin sena kull individwu għandu dritt igawdi ftit mit-tajjeb li tagħtih il-ħajja u wħud mill-ħwejjeġ li tista' tieħu jekk tkun ċittadin Malti u tgħix Malta huwa mill-Kostituzzjoni stess fejn din tiggarantilek ċerti drittijiet iżda minħabba li aħna Membri tal-Korp tal-Pulizija l-istess Kostituzzjoni tħallina barra. X'gost fija l-ħajja wara li tkun għalaqt is-sittin sena li tibda minn dak in-nhar tgawdi d-drittijiet tiegħek.

Rigward suġġetti oħrajn hemm ħafna x'wieħed jista' jiddiskuti, għalhekk aħna tlabna sabiex ikollna laqgħa mal-Onor. Prim Ministru sabiex inkunu nistgħu nibdlu l-idejat tagħna, għaliex wara kollox aħna nistgħu aktar nfehmu d-diffikultajiet tagħna lill-awtoritajiet.

## TRAVELLING EXPENSES

Wara li l-Assoċjazzjoni ġiet mitluba sabiex tħejji rapport rigward is-sistema ta' ħlas li kienet issir wara li Membru tal-Korp ikun għamel użu mit-trasport pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu, instab li l-aħjar sistema kellha tkun li l-Membri tal-Korp li jkunu qegħdin jagħmlu użu mit-trasport pubbliku waqt ix-xogħol dawn ma jħallsux iżda ta' dan is-servizz issir ħlas għalih mill-Gvern lir-Rappreżentanti tas-Sidien tal-Karozzi tal-Linja. Dan beda jseħħ b'effett mill-Ewwel ta' Settembru 1986.





*Id-Deputat Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija, A. Mifsud Tomasi, jippreżenta ċ-cheque lit-tlett membri tal-Korp li sfaw feruti fl-isplużjoni, (ritratt), u l-istess membri u l-familjari tagħhom mal-Welfare Committee tal-Korp.*

**Il-Fond għall-Vittmi tal-Bomba**

# Nirringrazzjaw

**KIENU madwar id-9.00 ta' filgħaxija tat-18 ta' Diċembru 1985. Ħoss qawwi nstemgħa minn diversi nħawi ta' Malta u l-isfortuna waqet fuq membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu fuq xogħolhom fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema. Kienet tpoġġiet Bomba fit-tieqa ta' l-Għassa u tlieta minn sħabna sfaw il-vittmi ta' Kodardi bla skruplu ta' xejn.**

Il-poplu Malti stmerr u ikkundanna bil-kbir dan l-aġir irresponsabbli u ikkundannah b'kull mod u manjiera. Dan il-kas jibqa' mniżżel b'ittri suwed fl-istorja ta' Malta.

Iżda minn dan kollu, il-poplu Malti kollu daħal b'ruħu u b'ġismu biex jagħti l-għajnuna tiegħu.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, Dr. L. Pullicino, ħa ħsieb li jiġi mniedi Fond biex jgħin lil vittmi tat-traġedja. Huwa ħajjar lil membri tal-Korp sabiex jikkontribwixxu u awtorizza s-somma ta' Lm1,000 mill-General Fund tal-Pulizija. Il-Kumitat ta' Uffiċjali ikkontribwixxa wkoll is-somma ta' Lm200, u l-Assoċjazzjoni ħarġet is-somma ta' Lm500. B'hekk il-Fond beda bis-somma ta' Lm1,700.

Individwi u għaqdiet oħra daħlu għal dan ix-xogħol u r-riżultat kien li nġabru total ta' **Lm16,854.12c.9.**

Nixtiequ għalhekk, minn dawn il-paġni nirringrazzjaw lil dawk l-individwi u għaqdiet li taw il-kontribut tagħhom sabiex l-għan tal-Fond intlaħaq. Mhux possibbli nsemmu lil kulħadd għax kienu ħafna, iżda b'mod partikulari nixtiequ nsemmgħu lil-Lions Club għas-somma record li ġabru. Nixtiequ ngħidu wkoll li qatt f'Malta ma nġabret somma daqshekk kbira u dan jikkonferma kemm il-poplu Malti għandu stima kbira lejn il-Korp tal-Pulizija. Aħna niżguraw lill-poplu Malti li l-Korp tal-Pulizija huwa dejjem lest biex jagħti l-għajnuna tiegħu għas-servizz tal-poplu.

Ninfurmaw ukoll li dawn il-flus li nġabru tqassmu skond l-inkapaċità li l-vittmi sofrew minn din it-traġedja. Il-flus ingħataw mid-Deputat Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Anthony Mifsud Tommasi lill-PS98 J. Micallef, PC193 G. Cassar u PC180 P. Barbieri f'laqgħa li saret apposta fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana nhar is-Sibt, 30 ta' Awissu, 1986.

## POLICE BOMB VICTIMS FUND

Dan l-aħħar saret il-preżentazzjoni ta' 'l fuq minn sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) lit-tlett Membri tal-Korp li kienu sfaw vittmi wara li kienet splodiet bomba fl-Għassa ta' Tas-Sliema. Dawn ħadu ammont li kien jikkorrispondi mal-persentaġġ ta' disabilità li kienu sofrew. Aħna minn din il-paġna nikkundannaw bil-qawwa lil dik il-persuna jew persuni li kienu responsabbli minn dan l-att kodard u ta' mistħija fl-istess ħin nixtiequ nirringrazzjaw lill-poplu Malti kollu tal-appoġġ spontanju li taw lit-tliet vittmi sħabna kif ukoll bil-ġenerosità li wrew kif dejjem kien kapaċi jagħmel il-poplu Malti kull meta ġie mitlub.

# FIBRE EVIDENCE

*By P.C. 765 S. ATTARD*

When an 11 year old boy was murdered and sexually assaulted in England, the only clues were several carpet fibres recovered from his body and clothing. Through identification of these fibre, investigators were able to trace their manufacturer. By following up the manufacturer's records, they found that a local office building had been recently fitted with that particular type of carpet. It was learned that the carpet layer had been given the left over carpet. An interview with the carpet layer revealed that he had installed some of the left over carpet in his automobile which he had subsequiently sold. The purchaser of the automobile was a student at a college located on the same street from which the murdered boy had disappeared! This student was interviewed and when confronted with the evidence eventually made a full confession. (Florida Times-Union, March, 17, 1982).

In western Canada, a man was accused of breaking into a house under construction. His shoes and a sample of carpet from the house were submitted to the author. The laboratory removed over 600 fibres from the mud-covered shoes. These consisted of at least 56 distinct types and colours. Not one of these matched the carpet of the house he was accused of breaking into. In addition, the accused gave an alibi that he was golfing at the time of the break-in. The mud from his shoes was found to be more consistent with the soil from the golf course than with the soil from around the house. Thus, not only was lack of association established, but his alibi was also substantiated.

It was fibre evidence which first enabled the authorities to link together the murders of several black children in Atlanta. The same fibre evidence played a large part in the subsequent conviction of Wayne Williams, whose defence attorney was subsequently quoted as saying 'I think the fibre evidence was the hardest evidence to overcome'.

Of course, not all cases involving fibre evidene are as dramatic as these. Fibre evidence is most often used to assist in establishing association between two individuals, between an individual and a crime scene, between an individual and an intermediate point (such as a vehicle) or between an individual and a weapon. Fibres from a wide range of sources occur as physical evidence in a large variety of criminal cases (see Table 1).

## TABLE 1
## FIBRE TRANSFER OCCURS

| From | To | Type of case |
|---|---|---|
| clothing | clothing | sexual assault, assault, murder |
| clothing | crime scenes | murder, break and enter |
| clothing | vehicle exteriors | hit and run (pedestrian) |
| clothing | vehicle interiors (1) | murder, sexual assault |
| clothing | hair and body (2) | armed robbery, murder, sexual assault |
| clothing | weapons (3) | murder, wounding, assault |
| clothing | bedding (4) | sexual assault |
| bedding (4) | clothing | murder, sexual assault |
| bedding (4) | hair and body | murder, sexual assault |
| vehicle interiors (1) | clothing | murder, sexual assault |
| vehicle interiors (1) | hair and body (2) | murder, sexual assault |
| carpeting | clothing | break and enter, murder, sexual assault |
| carpeting | footwear | break and enter |
| carpeting | hair and body (2) | murder, sexual assault |

(1) includes carpeting, upholstery, and trunk liners.
(2) a good method for collecting fibres from the hair of suspects is described by McKenna and Sherwin in reference 4.
(3) knives, scissors, axes, hammers, etc
(4) blankets, sheets, bedspreads, quilts, etc

How do fibres come to occur as physical evidence? Whenever two objects come into contact, there is always a transfer of material. In some cases, the amount of material transferred is too small to be detected. Also, the rate of loss of some material after transfer may be so great as to preclude detection a short time subsequent to transfer. The important point, however, is that a transfer of material invariably occurs. Since we are so frequently in contact with textile materials in our daily lives, fibres are a prime target for transfer by the Exchange Principle.

Since textile materials are mass produced, fibre evidence usually serves as corroborative evidence, rather than providing positive proof of association. The exact

● *continued on page 9*

# DURACELL
ALKALINE BATTERIES




Muscats Motors Ltd. RUE D'ARGENS, MSIDA.
TEL: 517222







# ALLWARES Ltd.

7/8, St. Anne Square
The Strand, Sliema. Tel: 332631

*Il-ħanut fejn kulħadd isib ix-xirja tiegħu...f'post wieħed.*

# Why choose LAFERLA Insurance Services Limited?

**BECAUSE**

## We offer:

■ Good Service ■ Attractive Premiums ■ Dependability
■ Branch Offices in Malta and Gozo.

## We all need protection.

■ Your family needs it

## But so do

■ Your home ■ Your car ■ Your business or profession.

**Protection is cheaper than you think. So phone us on 622750 or 224405 for a quick quotation.**

## Our staff:

■ is experienced ■ enjoys a reputation of integrity
■ is efficient and courteous.

## Our offices:

■ Reflect the high standards we set ourselves in Malta. ■ Have a fully computerized administration assuring the client of ■ Accurately maintained accounts ■ Prompt and informative communications ■ Quick processing of claims ■ Minimised overheads ■ Advantageous rates.

## We offer any sort of cover:

■ Motor insurance ■ Home insurance ■ Shopkeeper's combined insurance ■ Factory insurance ■ Warehouse insurance ■ Hotel insurance ■ Public liability insurance ■ Employers' insurance ■ Cash in transit insurance ■ Personal accident insurance ■ Life insurance ■ Contractors all risks' insurance ■ Professional indemnity (advocates and notaries)

**Call us now. Later it might be too late!**

LAFERLA *Insurance Services Limited*

15, FLAT 14, VINCENTI BUILDINGS, STRAIT STREET, VALLETTA. TEL: 622750, 224405.

**You can depend on us.**

# Fatti dwar l-A.I.D.S.

***(Acquired Immune Deficiency Syndrome)***

(L-EWWEL PARTI)

*TAGHRIF MAĦRUĠ MID-DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA – MALTA*

**X'inhi l-A.I.D.S.?**

**L-A.I.D.S** hija marda nfettiva li tnaqqas ir-reżistenza tal-ġisem kontra ċertu mard anke ħafif bħal ma huma ċerti nfezzjonijiet li s-soltu l-ġisem tal-bniedem jegħlibhom mingħajr ebda tfixkil. Xi ftit minn dan il-mard, allura, isir serju ħafna u anke fatali.

Ħafna morda ta' **l-A.I.D.S.** isofru minn waħda jew tnejn minn dawn iż-żewġ mardiet: –

(i) **KAPOSI'S SARCOMA** – tip ta' cancer li jaffetwa l-aktar il-ġilda iżda jattakka organi oħra.

(ii) **PENUMOCYSTIS CARINII PNEUMONIA** – forma ta' infezzjoni tal-pulmun (Pulmonite).

**Għaliex Tissejjaħ A.I.D.S.**

**A.I.D.S.** tfisser 'Acquired Immune Deficiency Syndrome'.

Acquired – jiġifieri tittieħed u mhux tintiret.

Immune Defiency – Din hija nuqqas ta' reżitenza tal-ġisem kontra ċertu mard.

Syndrome – il-mard kollu li jaqbdek bħala riżultat ta' dan in-nuqqas.

**Kif Bdiet Din il-Marda?**

L-oriġini ta' dan il-virus għadu mhux magħruf sew. Jidher li l-virus kien diġà jinstab f'partijiet oħra tad-dinja meta sabuh l-ewwel darba fl-Amerika u l-Ewropa.

**Min hu l-iktar fil-Periklu li Jimrad bl-A.I.D.S.**

L-A.I.D.S. l-ewwel ma ssemmiet kien fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u mbagħad fl-Ewropa fl-1981. Sa Marzu, 1986 ġew irraportati 'l fuq minn 21,700 każ ta' l-A.I.D.S. fid-dinja. Il-pajjiżi ta' l-Amerika kienu l-aktar pajjiżi li ntlaqtu – 19,427 mill-każijiet ġew irraportati f'dawn il-pajjiżi. Din il-marda hija assoċjata ma' katergoriji ta' persuni li għandhom riskju ferm akbar minn ħaddieħor. Il-gruppi ta' nies li għandhom l-aktar riskju li jimirdu b'din il-marda huma: –

– Irġiel omosesswali/bisesswali.

– Dawk li jieħdu d-drogi dirett fil-vina (kemm nisa u anke rġiel u li jużaw l-istess labar ta' xulxin).

Gruppi fir-riskju oħrajn huma:



*Is-sintomi f'sieq ta' pazjent milqut bl-AIDS.*

– Haemophiliacs (nies li għandhom bżonn li jingħataw prodotti tad-demm, minn demm li jingħata min nies oħra. Dan isir biex id-demm tagħhom ikun jista' jagħqad normali).

– Pazjenti li rċevew demm min għand xi ħadd b'demm nfettat.

– Nisa li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' rġiel li għandhom ukoll tendenzi omossesswali jew li jkollhom "partners" li kienu jieħdu d-droga fil-vina jew huma f'xi grupp ieħor ta' riskju.

– Trabi li jitwieldu minn ommijiet infettati bil-virus ta' l-AIDS.

Oħrajn jinkludu nies mill-Afrika Ċentrali, partikularment minn Zaire u Chad.

Fl-Ewropa u l-Amerika madwar tliet kwarti mill-każi ta' AIDS kienu f'irġiel omossesswali. Fl-Ewropa 3 fil-mija biss kienu fost il-haemophiliacs.

Hija ħaġa rari ħafna biex issib każi ta' l-AIDS f'persuni li ma jaqawx taħt waħda minn dawn il-kategoriji (jew gruppi) msemmija hawn fuq.

**L-A.I.D.S. Tittieħed?**

L-aħħar studju li sar juri li l-A.I.D.S. hija kaġunata minn virus (LAV/H.T.L.V.III) li jista' jiġi trasmess b'żewġ modi differenti: –

1. Jew waqt l-att sesswali speċjalment jekk l-att sesswali jsir mill-warrani (anal intercourse) peress li tista' tinstelaħ il-"mocosa" tal-kanal ta' l-'anus'; infezzjoni tista' tixtered ukoll permezz ta' att sesswali regolari fil-vaġina.

2. Jekk persuna tiġi f'kuntatt ma' demm li huwa nfettat. Xi wħud minn dawk li jieħdu d-drogi fil-vina u li jużaw labar ta' ħadieħor setgħu mardu bl-A.I.D.S. peress li l-labar jistgħu jkunu ntużaw u ġew f'kuntatt ma' demm li jkun infettat.

M'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-A.I.D.S. tista' tittieħed minn xi waħda minn dawn il-modi li ġejjin: –

– Kuntatt soċjali (kaswali, mhux sesswali) ma' persuna nfettata; jew

– Kuntatt kaswali ma' ndividwu nfettat, bħal per eżempju, fi skola, jew li tgħix jew taħdem ma' gruppi ta' persuni fejn jista' jkun hemm xi ħadd marid bl-A.I.D.S.; jew

– Mill-ikel jew xorb jew billi tuża' platti jew kikkri, tazzi jew pużati ta' ħaddieħor; jew

– Qtar jew titjir ta' bżieq ikkaġunati minn tagħtis jew sogħla.

Sal-lum ma kien hemm l-ebda każ ta' A.I.D.S. fost il-kuntatti fil-familji tal21,700 każ ta' l-A.I.D.S. imferrxa madwar id-dinja, ħfief f'ċerti każi fejn kellhom relazzjonijiet sesswali ma' persuna oħra nfettata jew f'każ ta' tfal imwielda minn

# Fatti dwar l-A.I.D.S.



*Is-sintomi fil-ħalq ta' pazjent milqut bil-marda ta' l-AIDS*

ommijiet infettati bl-A.I.D.S. L-infezzjoni fit-trabi probabilment tiġri matul it-tqala.

Il-virus tal-A.I.D.S. ġie isolat ukool fil-bżieq. Però m'hemm l-ebda prova li l-marda tittieħed mill-bżieq. Il-parti l-kbira tal-pazjenti li kellhom il-virus isolat minn demmhom ma għandhomx il-virus fil-bżieq tagħhom. Rigward dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa b'mod partikulari dawk li jaħdmu fl-isptarijiet, sar studju fost ħaddiema li jaħdmu fi stpar u li kienu f'kuntatt dirett u kontinwu ma' pazjenti bl-A.I.D.S., kif ukoll mad-demm tagħhom. Dawn ġew investigati biex jinstab jekk ittieħdux bil-virus tal-A.I.D.S., u nstab li r-riżultat kien persistentement negattiv u għalhekk instabu ħielsa minn kull infezzjoni. Barra minn hekk nistgħu ngħidu li fi studju ieħor li sar fuq 1750 ħaddiem li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, bħal tobba, dentisti, nurses, eċċ., u li aċċidentalment tniġġzu minn labar kkontaminat bid-demm ta' pazjenti morda bl-A.I.D.S. erba' biss minn dawn żviluppaw riżultat pożittiv bil-virus tal-A.I.D.S. Għalhekk li wieħed jikkura pazjent, marid bl-A.I.D.S. ma huwiex xi riskju kbir.

**X'inhu ċ-Ċans li persuna nfettata bil-virus tiżviluppa l-A.I.D.S.?**

Madwar tnejn minn kull tlieta tal-persuni li ġew infettati bil-virus LAV/HTLV III u li baqgħu jiġu osservati għal mhux anqas minn ħames snin ma kellhom ebda sinjal ta' marid. Peress li l-marda ilha tiġi studjata biss dawn l-aħħar snin għadu mhux possibbli tgħid b'ċertezza x'inhu r-riskju wara ħames snin.

Dawn l-individwu però għandhom infezzjoni persistenti u xi wħud minnhom probabilment jibqgħu jistgħu jgħaddu l-infezzjoni lill-ħaddieħor.

Il-kumplament ta' wieħed minn kull tlieta jkollhom marda li tvarja fil-qilla tagħha minn dik li tissejjaħ ARC (AIDS Related Complex) għal dik il-marda li tissejjaħ A.I.D.S.

**X'inhuma s-Sintomi?**

**Stenna naqra..... issa mhux għax ser taqra fuq dawn is-sintomi ser tgħid li għandek hekk..... jew hekk..... u hekk..... u allura għandek l-A.I.D.S. Il-probabiltà hija li m'għandekx.**

**Ftakar illi: –**

- L-A.I.D.S. MHUX KOMUNI ANKE F'DAWK IN-NIES LI DIĠÀ SEMMEJNA U LI QEGĦDIN RISKJU LI JIMIRDU BL-A.I.D.S.
- HEMM PROBABBILITÀ ŻGĦIRA LI JISTA' JKOLLOK L-A.I.D.S. JEKK INT GĦANDEK DIVERSI MINN DAWN IS-SINTOMI U JEKK IKUNU ILHOM FUQEK GĦAL ŻMIEN TWIL.
- DAWN IS-SINTOMI NSIBUHOM F'ĦAFNA MARD IEĦOR PER EŻEMPJU. IL-GLANDOLI MINFUĦIN FIL-'GLANDULAR FEVER'. GĦAJJA, DENI U LI WIEĦED JOGĦLOB HUMA SINTOMI KOMUNI L-AKTAR F'DAWK LI JINKWETAW U JAĦSBU ĦAFNA. MA JORQDUX SEW JEW XI MARDA OĦRA.

Is-sintomi li jistgħu jissuġerixxu l-marda tal-A.I.D.S. huma: –

**Glandoli minfuħin** – speċjalment fl-għonq u fl-apt (taħt l-ispalla).

**Għejja kbira** – għal ħafna ġimgħat mingħajr ebda raġuni ċara.

**Telf ta' piż mhux mistenni** – aktar minn 10 fil-mija tal-piż.

**Deni u għaraq ta' bil-lejl** – li jdumu għal ħafna ġimgħat.

**Dijarea** – li ddum aktar minn xahar, mingħajr raġuni.

**Qtugħ ta' nifs u sogħla vojta** – li ddum aktar minn ta' riħ komuni.

**Mard tal-ġilda** – dbabar ġodda li jkunu iebsin u bla wġiegħ. Dawn jistgħu jkunu ċatti jew imqabbżin u ta' lewn roża jew vjola. Jibqgħu jikbru donnhom tbenġil jew bużżieqa tad-demm. Dawn jistgħu jidhru kullimkien, inkluż il-ħalq u l-għotjin ta' l-għajnejn.

**Ħrar** – Dbabar bojod fil-ħalq u l-gerżuma. Fl-irġiel il-ħrar jista' jidher ukoll fosos bojod irritati fuq ir-ras tal-penis tiegħu jew inkella bħala likwidu abjad li joħroġ mill-warrani. Fin-nisa il-ħrar huwa komuni ħafna fil-parti tagħhom u jikkaġuna ħruq u ħakk.

**Inkwetat?**

Jekk int qed tinkwieta, mur għand it-tabib jew speċjalista. Hemm ukoll klinika tal-mard sesswali fl-Isptar Boffa. Hemm tobba fil-Polikliniċi li jistgħu jgħinuk.

● *ikompli f'ħarġa oħra*

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

MIS-SURĠENT 442
RAYMOND ZAMMIT

□ SEJRIN nagħtu bidu għal sensiela ta' artikli rigward l-eżerċizzi fiżiċi li jikkonċernaw lill-membri tal-Korp tal-Pulizija. Dan sejrin ngħamluh, biex igħin lil dawk il-membri tal-Korp biex iżommu l-figura aktar pulita, kif ukoll aktar bogħod mill-mard.

Nibda biex b'dispjaċir insemmi li hawn numru kbir ta' pulizija, li jgħidulek, li issa kibru fiż-żmien, jew ma jifilħux għal ċertu eżerċizzi. Dan ma hu minnu xejn. Tħallux li għal ftit għażż tmorru l-baħar. L-eżerċizzi li sejrin ngħidulkom, huma għal dawk ta' età ta' bejn il-ħmistax u l-ħamsa u sittin sena. Barra minn hekk jgħinu kif semmejna aktar 'il fuq lil dawk li għandhom ħxuna żejda, u b'hekk ma jistgħux iżommu 'smart' kif jixtiequ, u jgħin ukoll lil dawk li huma 'under weight'. Irrid infakkarkom ukoll, li dawn l-eżewrċizzi, wieħed jista' jagħmilhom id-dar fil-kwiet, bil-kumdità u bi spejjeż ta' xejn. Nixtieq insemmi wkoll li hawn ħafna membri żgħażagħ ġodda fil-korp, li jgħidulek li kienu jittrenjaw ħafna u issa waqfu. Ta' età hekk żgħira lgħażż biss iwaqqfek. Dan ġeneralment jew ma' jkunx minnu, jew li jkunu għamlu jkunu għamluh ta' bil-fors jew ħażin.

Biex wieħed jieħu ideja ta' kif għandu jkun fil-piż u qisien ta' partijiet ta' ġismu, għatu titwila lejn it-tabella mmarkata (FIG A).

**FIG A.**

| HEIGHT | WEIGHT | ARMS | NECK | CHEST | WAIST | THIGHS | CALVES |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.51 met | 58.0 kg | 38.5 cm | 38.0 cm | 101.5 cm | 68 cm | 53.0 cm | 36.5 cm |
| 1.56 met | 62.5 kg | 39.0 cm | 38.5 cm | 104.0 cm | 71 cm | 56.0 cm | 38.0 cm |
| 1.61 met | 69.0 kg | 41.0 cm | 40.5 cm | 111.5 cm | 76 cm | 57.0 cm | 39.5 cm |
| 1.65 met | 78.0 kg | 41.5 cm | 42.0 cm | 116.5 cm | 79 cm | 58.0 cm | 40.0 cm |
| 1.71 met | 82.5 kg | 43.0 cm | 42.5 cm | 119.0 cm | 80 cm | 59.5 cm | 40.5 cm |
| 1.76 met | 89.0 kg | 44.5 cm | 43.0 cm | 122.0 cm | 81 cm | 62.0 cm | 42.0 cm |
| 1.81 met | 94.0 kg | 45.0 cm | 44.5 cm | 124.0 cm | 82 cm | 63.5 cm | 43.0 cm |
| 1.86 met | 98.0 kg | 47.0 cm | 45.5 cm | 127.0 cm | 84 cm | 64.5 cm | 44.0 cm |

Infakkar ukoll li min ipejjep, għandu jnaqqas ftit kull darba. Sigarett inqas kuljum jgħodd ħafna. L-istess jingħad għal dawk li ma jgħaddux mingħajr xorb alkoħoliku. Mela biex tgħin lilek innifsek tieqaf minn dan il-vizzju, għamel u għid lilek innifsek hekk:

Mur u ħares sewwa f'mera, u għid,

"Jien irrid nieqaf."

"Jien irrid inkun b'saħħti, ngħix iżjed u aħjar."

"Niffranka aktar flus."

"Irrid nieqaf, irrid niġġieled lil dan il-vizzju qerriedi."

Għal dawk li huma midħla sewwa tal-Body building, ċertu Steve Reeves, Bodybuilder ta' fama mondjali kien qal hekk:

Qatt tgħid lilek innifsek, "Ma rridx inpejjep iżjed", sempliċiment għid kull fil-għodu "Il-lum ma rridx inpejjep". Hemm riskju kbir li ma żżommx il-wegħda jekk tgħid li trid taqta' s-sigaretti, iżda jekk tgħid "il-lum ma rridx inpejjep", taf dik il-wegħda qasira żommha u tkun bdejt tirbaħ. Barra minn hekk żomm f'moħħok dawn il-punti: FIG B.

Ħaġa oħra importanti – hawn ħafna nies li aktar jagħtu u jqattgħu ħin iħarsu lejn il-kundizzjoni tal-karozza privata tagħhom, milli jħarsu lejn il-kundizzjoni fiżika tagħhom. Terġa' u tgħid, hawn oħrajn li jonfqu ammont ta' spejjeż fil-karozza, u jinjoraw lilhom infushom billi jieklu ikel ta' ftit sustanzi. Dawn in-nies huma tal-fehma li meta jinqalalhom xi ħaġa fiżikament, din ix-xi ħaġa ser tmur weħidha.

## BIDU TA' L-EŻERĊIZZI

Mela niġu għal bidu ta' l-eżerċizzi.

Qabel xejn, l-ewwel ħaġa li wieħed għandu jagħmel, hu li jagħmel vista għand it-Tabib. Dan isir biex wieħed jaċċerta ruħu li ma għandu l-ebda difetti jew sinjali ta' mard. Wara li tkun għamilt dan, u sibt li kollox sew, wieħed irrid isaħħaħ il-muskoli. Għalhekk ibda għamel mixja ta' lanqas żewġ mili kull darba, għal tliet darbiet fil-ġimgħa, darba iva u oħra le. Din il-mixja għandek tagħmilha b'pass ta' 120/140 pass fil-minuta. Għamel dan għal xahar sħiħ. Wara li tkun għamilt dan ix-xogħol, niġu għat-tieni eżerċizzju.

NO. 2 EX. – Peress li tkun darrejt lilek innifsek bil-mixi li tkun għamilt fejn tkun saħħaħt il-muskoli u ftaħt aktar il-pulmun ħaddaktar kunfidenza miegħek innifsek, ibda għamel ġirja ta' mil u nofs, darbtejn fil-ġimgħa u żieda għal tliet darbiet, f'ħin ta'

● *ikompli f'paġna 9*

FIG. B.

**WAQQAF IT-TIPJIP ISSA:**
Mikiel Vella, Mario Fenech and Melvin West were indicted together on a charge of voluntary homicide. By six votes against three the jury found each one not guilty as charged, but by the same number of votes found each one guilty of complicity in voluntary homicide. Vella was sentenced to twenty years imprisonment, Fenech to fifteen and West to ten years. In the course of his address to the jury the trial judge observed that there was a point which he would have liked not to mention but which, as the trial judge in the case, he felt morally bound to comment on. He explained that the accused could, if they so wished to, have taken the witness box and in that case they would have been obliged to tell the truth like any other witness; and that an accused who elects to give evidence has to face up to the risk of examination and cross-examination and to rely truthfully to all the questions put by counsel, by the judge and by the jurors. Had the accused elected to give evidence, they would have had to face up to the risk of replying to all the relevant questions put to them by the Public Prosecutor; but, continued the trial judge, in this case, the three accused, for reasons best known to them, chose not to give evidence. Later on in his address, the trial judge said:

"And now, gentlemen of the jury, I have to do something which I would have preferred not to, especially since this is my first address to a jury. I am referring to a fact which the law does not allow even the prosecution to refer to, namely the fact that the accused did not take the witness box and face up to the risk of questions from every side of this Court. Defence counsel placed considerable emphasis on the consistency of the statements of the accused to the police, so much so that the learned Prosecutor took a lot of time in his reply to point out inconsistencies; but the accused did not dare submit themselves to the risk (of examination and cross-examination) so that we could see whether they remember exactly, four years after the event, what happened and what did not. This is an ugly and hard fact which you have to consider. I felt that I had to exercise this discretion, which the law leaves in the hands of the trial judge, in the best interests of the administration of justice and, I repeat, against my wish. Because this is a very ugly and hard fact.".

Vella, Fenech and West appealed on the ground, *inter alia*, that the trial judge had misdirected the jury over the question of their electing not to give evidence.

In an elaborate and lengthy judgement, the court of Criminal Appeal held that –

1. Section 630 of the Criminal Code, introduced by Act VIII of 1909, provides that "the party charged or accused shall, at his own request, be admitted to give evidence on oath immediately after the close of the prosecution, saving the case where the necessity of his evidence shall arise also at a subsequent stage, or the Court sees fit to vary the order of the evidence; and such party may be cross-examined by the prosecution, notwithstanding that such cross-examination would tend to criminate him as to the offence charged; provided that the failure of the party charged or accused to give evidence shall not be made the subject of adverse comment by the prosecution". This section was modelled on a similar provision in the (English) Criminal Evidence Act, 1898 (61 and 62 Vict. c. 36), and it was therefore important to examine also English case-law on the matter;

2. The prohibition of adverse comment on the accused's failure to give evidence was limited to the prosecution and did not extend to the Court; the Court, could, therefore, exercise its discretion and comment on that fact (**R. v. Costantino Magri**, Criminal Court 5 August 1924; **The Police v. Filippa Fenech**, Criminal Appeal 8 May 1937; and **R. v. Rhodes** (1899) 1Q.B.77, followed);

3. The Court's discretion was to be exercised within certain well-defined limits. Both Maltese and English case-law appear to hold the view that (a) as a general rule, if comment by the Court is thought necessary, nothing must be said which might lead the jury to equate the accused's absence from the witness box with guilt; but (b) in certain rare exceptions, where the principal facts relied upon by the prosecution appear not to be disputed by the defence, the trial judge may go a little further and make the comment than an inference can be drawn from those facts which point so strongly to guilt as to call for an explanation and that if no explanation is given when an innocent man would be expected either to give an explanation or to deny the principal facts, that is a factor which can be taken into consideration by the jury (**R. v. Costantino Magri, supra; The Police v. Filippa Fenech, suppra; R. v. Corrie** (1904) 68J.P.294; **R. v. Bernard** (1908) 1 Cr.App. Rep. 218; **Waugh v. The King** [1950] A.C. 203; **R. v. Jackson** [1953] 1 W.L.R. 591; **R. v. Pratt** [1971] Crim. L.R. 234; **R. v. Mutch** [1973] 1 All E.R. 178; **R. v Bathurst** [1968] 1 All E.R. 1175; **R. v Sparrow** [1973] 1 W.L.R. 488 considered).

4. In the present case, the principal facts relied upon by the prosecution were contested by the three accused in their statements to the police; and the judge's comments on the failure of the accused to give evidence may well have led the jury to believe that they were to infer some guilt from their failure to take the witness box (**dicta** in **Griffin v. California** 380 U.S.606 approved).

The Court of Criminal Appeal quashed appellants' conviction and ordered their re-trial in terms of section 508L(1) of the Criminal Code.

**The Republic v. Mikiel Vella, Mario Fenech and Melvin West**
Court of Criminal Appeal, 10 May, 1985.

# PAĠNA GĦAT-TFAL

## MUMENT MAĠIKU

Illum, tfal, għandna daqsxejn ta' bidla fil-logħba tagħna fis-sens l dak li qegħdin taraw fil-paġna tal-lum mhux xi logħba kompluta, iżda biex ngħid hekk, parti u prattika minn logħob.

Qegħdin taraw għaxar stampi li kull waħda minnhom hemm par idejn f'pożizzjonijiet differenti. Dawn se nirreferu għalihom fil-ħarġiet li jmiss ta' dan il-Magazine f'din il-paġna bħala "Mossi" (ċaqlieq tal-pali ta' l-idejn). Għalhekk għalissa kull ma tridu tagħmlu huwa li intkom tagħmlu l-pali ta' idejkom bħal dawk li jidhru fl-istampi, biex 'il quddiem meta nirreferu għal xi wħud minnhom, tkunu tafu liema "mossa" (bin-numru) qegħdin ngħidu għaliha.

Tfal, tħarsux lejn l-istampi kollha f'daqqa, għax għandkom mnejn taqtgħu qalbkom, iżda ħudu stampa waħda wara l-oħra, u ipprattikaw l-idejn bħal bik l-istampa.

**KELMTEJN...**

Tfal, meta ftit ilu kont is-Summer Camp tagħkom, iltqajt ma' ħafna minnkom li kellmuni fuq din il-paġna. Bosta minnkom qaluli li l-parti tal-paġna "Mument Maġiku" tinteresshom ħafna, Min-naħa tiegħi ħsibt li din il-parti tinteressa l-aktar lis-subien, iżda mort żbaljat, għax tifla li kienet fostkom fis-Summer Camp tat-Tfal tal-Pulizija bdiet turini l-logħob kollu li wrejtkom f'din il-paġna tal-Magazine. Jien ninsab ċert li bħalha kien hemm ħafna minnkom bniet li kontu kapaċi wkoll tagħmlu dan il-logħob tal-maġija. Li għoġobni ferm kien li din it-tifla qaltli li dan il-logħob tal-maġija tipprattikah wara li tkun lestiet il-Homework, li għalkemm kien fi żmien il-vaganzi tas-Sajf, id-Daddy tagħha kien jagħtiha dik ix-xi ħaġa żgħira ta' studju x'tagħmel biex ma titraskurax.

Għal-lum daqshekk u nselli għalikom,
Dejjem tagħkom – Pierre.


1


2


3


4


5


6


7
8


9


10

## TBISSEM FTIT

**SENA 1930**

– Pulizija: "Sinjura, dak ir-raġel li daħal fik bil-karozza tiegħu qiegħed jallega li inti ħriġt ixxejjer idejk il-leminija mit-tieqa tal-karozza tiegħek, u ... ksirt fuq ix-xellug. Veru dan?"

– Mara: "U lil dak il-baħnan min qallu li kont se nikser fuq il-lemin? Jien sempliċiment ħriġt idi l-leminija barra mit-tieqa ... biex innixxef il-Cutex!"

**NOFS!!!**

Rekluta ġdid, għall-kurżità, staqsa lil Kaptan ....

– "Sir, kemm hawn suldati jaħdmu fl-Armata?"

– "Ħeqq, ... nofshom!" kienet it-tweġiba.

**TESTMENT**

– Maġistrat: "Sinjura, ir-raġel tiegħek qiegħed isostni li ma kienx intenzjonat li jweġġagħlek qalbek b'diskorsu. Allura għaliex xkanajtu nofs it-taraġ 'l isfel?".

– Sinjura: "Dak ma tafux sewwa, sinjur, lil dak in-nofs porzjon ta' żewġi. Taf x'qalli, sinjur. qalli "Tridx inħalli dan il-blokk bini għalik, u wara mewti ... ja-qa' fuqek!"

## SERATI MEMORABBLI FIT-TEATRU MANOEL

# REMINIXXENZI FIL-25 ANNIVERSARJU MIR-RIJABILITAZZJONI TIEGĦU



**jikteb**
**V.M. PELLEGRINI**

•Wieħed ma jistax jaqbad jikteb fuq it-Teatru Manoel bla ma jħoss ġo fih sena ta' kburija, u dan mhux biss għax it-Teatru Manoel huwa llum kunsidrat bħala wieħed mill-aqwa teatri fl-Ewropa, b'mod partikulari li żżejnu b'ġojjelli prezzjużi li jsaħħar, lanqas imħabba l-konnessjonijiet tiegħu mal-Kavallieri ta' Malta – billi ġie mibni minn wieħed mill-Gran Mastri l-aktar nobbli, l-ġeneruż Antonio Manoel de Vilhens fl-1731, imma l-iktar għar-rappreżentazzjonijiet indimentikabbli, ta' splendur liema bħalu, li ngħataw fih.

Il-ftuħ tiegħu bit-traġedja (mhux Opera Lirika) "Merope" tal-Markiż Francesco Scipione Maffei, maħduma mill-Kavallieri Taljani, hu diġà fatt sinjifikattiv, għax biex tirrappreżenta traġedja klassika bħal dik, kien tabilħaqq att ta' kuraġġ, billi hi xogħol tassew iebes u li jitlob talent u immaġinazzjoni mhux żgħira biex taħdmu.

Għal rappreżentazzjonijiet simili t-Teatru kien jiżżejjen bil-preżenza tal-Gran Mastru liebes "in grande gala", l-istess Kavallieri bil-ħwejjeġ pittoreski tagħhom u d-dami ta' l-aqwa familji bl-ilbies ta' bil-lejl splendenti bil-ġojjelli lelliexa u sbieħ li kienu ippittru persunthom. Wara dawn ir-rappreżentazzjonijiet il-Gran Mastru, il-Kavallieri, l-aqwa nobbli bid-dami tagħhom kienu jiġu mistiedna għal ċena grandjuża mill-membri ta dik il-Lingwa li tkun tgħat ir-rappreżentazzjoni. Dawn kienu tabilħaqq serati li ma jintesewx malajr u li aħna llum nirrikostruhom fil-fantasija, billi nagħqqduhom ma' xeni oħra simili ta' kobor li għalihom gżiritna kienet bħal torċa ta' eleganza u seħer, u li f'dik l-epoka ma kienx jagħmlu għajb lil simili spettakoli li kienu jgħaxqu lit-teatri ta' Ruma, Pariġi, Vjenna jew Madrid.

Okkażjoni oħra li ma tintesix malajr kienet is-serata ta' l-4 ta' Diċembru 1838, meta r-Reġina Adelaide ta' l-Ingilterra marret fit-Teatru Manoel qalb applawsi, għajjat ta' merħba, daqq ta' marċi u gwardji ta' l-unur, biex tattendi għar-rappreżentazzjoni ta' l-immortali Opera Lirika ta' Gaetano Donizetti, il-"Lucia di Lammermoor".

### □ ĠMIEL U ELEGANZA

Fit-triq li minna kellha tgħaddi l-Majestà Tagħha, mill-Palazz sat-Teatru, kienet mixgħela waħda u gwardja ta' l-unur, magħmula minn uffiċċjali tar-Royal Malta Fencibles kienet stazzjonata fil-bieb tat-Teatru. L-istess Teatru minn ġewwa kien brillantement dekorat u meta r-Reġina dehret fin-nofs tal-gwarniċ imdieheb tal-palk tal-Gvernatur, kienet qisa xi pittura ta' xi artist famuż; fil-waqt li l-plateja u l-palki, mimlijin daqs bajda, kienu joffru lill-għajnejn rapsodija ta' ġmiel u eleganza.

Iktar qrib lejna t-Teatru Manoel ġie rijabilitat, wara r-restawri artistiċi li kienu meħtieġa, imħabba li għal xi żmien kien għadda minn id għal oħra. L-inawgurazzjoni tiegħu bħala Teatru Nazzjonali saret fis-seba' u għoxrin ta' Diċembru 1960 – ħamsa u għoxrin sena ilu – b'serata di gala indimentikabbli tal-Ballett "Coppelia" ta' Leo Delibes, mill-Kumpanija Ingliża "Ballet Rambert". F'din l-okkażjoni rajna viżjoni oħra li ma tintesiex malajr, u li jiena, bħala wieħed mill-membri tal-"Manoel Theatre Management Committee" nominat mill-Gvernatur, kelli sehem siewi fiha wkoll, speċjalment għal fatt li intwera għall-ewwel darba ġo teatru Malti, Ballett Ingliż, xejn inqas spettakuluż u saħħari minn Opera Lirika li kienet u tibqa l-għaxqa tal-Maltin.

● *ikompli f'paġna 25*

SMUGGLER'S CAVE
MARSALFORN GOZO
TEL: 551118 551005

□ GRILL
□ BAR
□ RESTAURANT

*Open air garden overlooking the bay*

**Home made PASTA DISHES**

**FRESH FISH served daily**

*Open also for BREAKFAST 8.30 a.m. to 1.00 a.m.*

***Saturday Night Special***

*4 Course Dinner – Wine – Coffee*
**Lm3.50c**
*including LIVE ENTERTAINMENT*

DIAMANTE

QUALITY FOOD PRODUCTS

*ALBANOZZO & CO. LTD.*

*'St. George' – Triq is-Sebħ – Marsa*
*Tel: 226784 – 229232 – 226445*



Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**

# Mutual Help Assistance

**•NIXTIEQU nattiraw l-attenzjoni tal-Pensjonanti kollha tal-Korp tal-Pulizija, li kemm il-Fuljett ta' l-Għaqda u kemm il-magazine 'Il-Pulizija' jirċevuh biss il-membri ta' din l-Assoċjazzjoni, għax fir-'records' dawn l-indirizzi għandna.**

Għalhekk nagħmlu appell lill-pensjonanti biex jidħlu membri jew ta' l-Għaqda jew fil-Mutual Help Ass., biex jibbenefikaw mill-faċilitajiet li joffru dawn iż-żewġ Assoċjazzjonijiet.

Għall-informazzjoni ta' kulħadd, il-kontribuzzjonijiet imħallsa għax-xhur ta' Mejju/Awissu, marru għad-dipendenti tal-membri hawn taħt imsemmija:-

Ex PC 679 A. Camilleri (miet 23.11.85); Ex PS 172 J. Pace (miet 29.12.85); Ex PC 1038 E. Mifsud (miet 30.11.85); Ex PC 101 J. Cauchi (miet 29.1.96); Ex PC 416 J. Pisani (Gozo) (miet 23.11.85); Ex PC 186 A. Sollars (miet 17.2 86); Ex PS 967 E. Cordina (miet 14.12.85); Ex PS 220 C. Bugeja (miet 20.3.86).

## Interpellanza fil-Parlament

**F'interpellanza li saret lill-Prim Ministru, ġie mistoqsi rigward jekk l-Għaqda tagħna qatx għamlet x'ilment lill-Gvern fuq dawk il-pensjonanti li jispiċċaw mill-Korp bil-25 sena servizz.**

Il-Prim Ministru rrisponda li l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti, f'diversi okkażjonijiet ressqet u talbet għar-rikonsiderazzjonijiet tar-regulamenti li jikkonċernaw lil dawn il-pensjonanti.

Skond ir-regolamenti, impjegati li jirtiraw qabel l-età tal-pensjoni u jsibu xogħol ieħor, is-salarju jittieħed inkonsiderazzjoni għall-pensjoni.

F'din il-kategorija ta' pensjonanti hemm 41. Il-Prim Ministru kompla qal li l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti f'ħafna okkażjonijiet talbu biex dawn ir-**regolamenti jiġu rikonsidrati.**

## Attivitajiet rikrejattivi

Peress li l-Kummissjoni Entertainment għadha ma ltaqgħetx, il-programm ta' attivitajiet għadu ma ġiex formolat. Il-Kummissjoni tiltaqa' l-aħħar Ħamis ta' Settembru. Id-dettalji jiġu mqassma aktar tard.

# MILL-GĦAQDA PENSJONANTI TAL-PULIZIJA



*Il-President ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti s-Sur Lorry Muscat, qiegħed jippreżenta ċ-cheque mid-dħul ta' l-attività li kienet saret b'risq il-Pulizija f'Tas-Sliema, lid-Deputat Kummissarju s-Sur Mifsud Tomasi. L-attività għal dan il-għan kienet saret f'Dar il-Mediterran għal Konferenzi fil-Belt.*

● *Ara Rapport Finanzjarju f'paġna 23*

# MILL-GĦAQDA PENSJONANTI TAL-PULIZIJA

**POLICE PENSIONERS ASSOCIATION**
**POLICE SHOW HELD ON 4th MAY 1986 IN AID OF THE BOMB VICTIMS FUND**

| Income | | Expenditure | |
|---|---|---|---|
| Adverts 1st programme | Lm110.00,0 | 1st Programme PRI 6154 | Lm 47.00,0 |
| Adverts 2nd Programme | 55.00,0 | 2nd Programme PRI 6219 | 45.00,0 |
| Entrance Tickets | 231.00,0 | Hire of Hall 00900 | 183.25,0 |
| Other Income | 399.25,0 | The Music Shop | 75.00,0 |
| | | P. Schembri | 6.00,0 |
| | Lm795.25,0 | | Lm356.25,0 |

Cash Collected: Lm439.00,0 Profit

| 2nd Programme | | List of Adverts: 1st Programme | |
|---|---|---|---|
| JB Store | Lm15.00,0 | Big Ben (Watch dealer) | Free |
| P. Camilleri | 15.00,0 | Cafè Premier | Lm 15.00,0 |
| Clavis | 15.00,0 | Mitħna | 15.00,0 |
| J. Briffa | 10.00,0 | Big Ben (Gents Wear) | 15.00,0 |
| | | Square Deal | 15.00,0 |
| | Lm55.00,0 | Charles Butcher | 15.00,0 |
| | | Neriku | 10.00,0 |
| | | Elmo Insurance | 10.00,0 |
| | | Gauci Borda | 15.00,0 |
| | | | Lm110.00,0 |

# FIREARMS

● *continued from page 11*

made in the 1880s for the Police. The action is the same as the second model of R.I.C. revolver and the general arrangement of the frame is very similar. The cyclinder holds six-shots of ·450 calibre, and the barrel is 2½ inches long. The butt is the same length as for the larger models, making this a generous-sized weapon for the length of barrel that it has. There is a lanyard ring on the butt plate.

**·430 James Hill Model 1880.** Apart from the calibre, this revolver is virtually identical with the one described above. Webleys made it for the London gunsmith James Hill, and chambered it for the Eley ·430 cartridge. Specimens can be easily recognised by the intials 'W.J.H.' stamped on the frame.

**R.I.C. No: 1 New Model 1883.** This model was really the last in the R.I.C. series to be made in any quantity. The differences were only small, and are outwardly apparent in the barrel lengths, and the fact that the cyclinder is grooved. The standard barrel length was 4½ inches and the calibre was .455. The revolver was intended to cope with as wide a range of ammunition as possible, and at the time of its introduction it could fire at least seven different types of ammunition ranging from ·476 to ·450 and ·44 Winchester.

**Short Barrelled New Model 1883.** At the same time as the ·455. New Model, Webleys introduced a short barrelled version in ·450 calibre with a 2½ inch barrel. This was intended for Police use, and the Metropolitan Force accepted it straight away. It was exported to the colonial Police forces, notably in Australia. The Police models were stamped with a Webley trademark showing two hands in handcuffs.

**Naval Service R.I.C. Model 1884.** This model has several differences from the standard versions. In the main, these relate to the materials used in its construction, but the barrel length is altered also. The frame is entirely of brass, together with the majority of the external items of the mechanism. On the original weapons, the steel barrel, cyclinder, hammer and trigger were blacked for protection from corrosion. The barrel was 2 5/8 inches long, and usually for Webley-made R.I.C. models, was octagonal.

● *continued in next issue*

# L-ISLA U L-BAMBINA

**□ Min jitħajjar jagħraf l-Isla jiltaqa' bilfors mal-figura grazzjuża tal-Bambina. Storikament, tant huma magħqudin flimkien, li ma tistax fuq waħda bla ma ssib lill-oħra wkoll.**

***minn***
***ANTON F. ATTARD***

L-istorja ta' l-Isla tista' tgħid li bdiet mal-wasla ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Il-Kavallieri bdew jamministraw dawn il-Gżejjer mill-belt antika tal-Birgu. Bejn din il-Belt u l-Għolja ta' Kordin, kien hemm peninsula b'żewġ għoljiet, li laqtet l-għajn tal-kavallieri. Għamluha masġar, biex ikollhom fejn imorru għall-kaċċa, u bdew isejħulha l-Isola, mnejn ħadet isimha.

Wara l-ħerba li ħallew it-Torok fl-1551, il-Gran Mastru D'Homedes iddeċieda li jibni fortizza fuq waħda mill-għoljiet ta' l-Isla, imsejħa ta' S. Ġiljan, li tkun tista' tilqa' għal xi ħbit li seta' jsir mix-xaqliba ta' Kordin u fl-istess ħin tkun ukoll ta' ħarsien għall-Birgu. Tlestiet fl-1552 u ssejħet Forti San Mikiel. Din aktarx inbniet fejn illum hemm l-arloġġ tat-Tarzna.

Mal-mewt ta' D'Homedes sar Sultana La Sengle. Dan kompla saħħaħ id-difiża ta' l-Isla u ddeċieda li jagħmel minnha Belt ġdida. L-art bdiet tingħata b'ċens irħis, u mal-bini tad-djar intemm il-masġar li ħawwlu ta' qablu, u qalj qalj twieldet il-Belt li ħadet ismu – Senglea.

Dak li basru li seta' jiġri D'Homedes u La Sengle seħħ fi żmien il-Gran Mastru La Valette. L-Armata Torka attakkat Malta bil-ħsieb li teqred l-Ordni darba għal dejjem fl-1565.

Wara l-waqa' ta' Sant Jiermu, fid-daħla tal-Port il-Kbir, it-Torok daru għall-Forti San Mikiel. Minn nofs Lulju sal-bidu ta' Settembru, is-Sengleani għaddew minn twegħir kbir. Waqt l-attakki ma jaqtgħu xejn, issieltu b'kuraġġ kbir, u kull darba rnexxielhom ireġġgħu lura l-attakki tal-misilmin. Ir-rebħa waslet, kif kien bassar qassis twajjeb, f'Jum it-Twelid ta' Marija, it-8 ta' Settembru.

Dan il-jum sar għażiż għas-Sengleani, u wara li stejqru xi ftit mill-faqar li ħakimhom wara l-assedju, b'rikonoxxenza, fl-1580, bnew Knisja u ddedikawha lil Santa Marija tal-Vitorja, biex isservi ta' Mafkar tar-rebħa fuq il-mislem.

Għalkemm kellhom Knisja li kienet saret ukoll parroċċa, is-Sengleani kien jonqoshom statwa biex biha, bħal ħaddieħor, jiċċelebraw il-festa tagħhom. Din ġiet għandhom b'mod straordinarju jekk mhux providenzjali.

Għal ħabta ta' l-1618, xini li kien ibaħħar fl-Adrijatiku, iltaqa' mal-maltemp u tfarrak mal-blat. F'dawn iż-żminijiet, ix-xwieni, preċiż taħt il-puprest, maqlugħa 'l barra minn mazzokk tal-pruwa, kien ikollhom, skolpita fl-injam, xi figura. Jekk il-gifen kien ikun ta' sidien Insara, aktarx kienet tkun ta' xi Qaddis li għalih kien ikun imsemmi l-bastiment. Din il-figura kienet tissejjaħ Pulena.

### XBIEHA TAL-MADONNA MTELLA' MILL-BAĦAR

Kienet din li lemaħ titliegħeb f'wiċċ l-ilma kaptan ta' xini li kien ibaħħar f'dawk l-inħawi, fi trieqtu lejn Malta. Ġiet imtella' abbord u nstab li kienet figura tal-Madonna.

Fuq ix-xini nzerta kien hemm tnejn mill-Isla, li talbu l-Kaptan biex jagħti dik ix-xbieha lill-Knisja tagħhom. – 1 –

Biex nersqu qrib leġġendi li kienu jeżistu sa mill-qedem, forsi jista' jkun, li l-Kaptan m'aċċettax mill-ewwel li jħalli l-figura fl-Isla. Allura għal sitt darbiet jipprova jsalpa, u kull darba li jagħmel dan, tqum maltempata u ma tħalliehx. Wara dan, seta' ġie persważ mill-Kappillan Talavera biex iħalliha hawn. Meta għamel hekk biss seta' jħalli Malta fil-bnazzi. – 2 –



*Il-faċċata tal-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina fl-Isla.*

Aktar tard, il-Pulena ġiet indurata, żdiedetilha raġġiera u bdiet tiġi meqjuma taħt it-titlu ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, f'artal li sar apposta għaliha, u bdiet toħroġ proċessjonalment fil-Festa Titulari tat-8 ta' Settembru, fil-festa tal-Kunċizzjoni u f'dik tal-Ġilju.

Meta f'jum it-8 ta' Settembru, l-Istatwa tal-Bambina bdiet tinħareġ proċessjonalment, kif konfermat fil-Vista Pastorali ta' Cocco Palmieri fl-1686, kien il-bidu tal-mixja li kellha twassal għal bdil definit tat-titlu; minn dak ta' Immakulata Kunċizzjoni għal dak ta' Marija Bambina jew Vitorja. F'din il-mixja kien sar progress ġmielu, infatti fl-1718, Dun Fortunat Vella ddeskriva l-Istatwa bħala Marija BAMBINA Immakulata. – 3 – Sa l-1804 din il-mixja kienet waslet fi tmiemha, għax f'dik is-sena, Marjanu Gerada naqqax l-istatwa artistika tal-Kunċizzjoni li hemm illum.

L-Istatwa tal-Bambina kellha sehem kbir fi ġrajjiet importanti fil-ħajja tas-Sengleani. Fl-1718 meta kienu fi kriżi kbira, minħabba nuqqas ta' ilma, sar pellegrinaġġ bl-istatwa għal Knisja tal-Madonna tal-Ħlas, f'Ħal Qormi. Jingħad li waqt li dan kien sejjer lura, tant għamlet xita, li l-bjar faru. L-istess ġara fl-1730, meta l-pellegrinaġġ sar għal Knisja tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar.

● *ikompli f'paġna 25*

# INVICTA LTD.

***21-23, QUARRIES SQUARE – MSIDA***
***TEL: 233153-4-5***



Manufacturers of

**CHROMED TUBULAR PRODUCTS**









# JOSEPH CARUANA & CO. LTD.

**59, REPUBLIC STREET,**
**VICTORIA – GĦAWDEX.**

**Tel: 556464**
**Telex No:**
**1470 FILCAR**

Importaturi u Aġenti ta':

INJAM – ĦADID – PLYWOOD –
U KULL XORTA TA' MERKANZIJA
GĦALL-BINI

Nimportaw ukoll:

KULL KWALITÀ TA' SUF
GĦAN-KNITTING

# *Your taste is mine*






## *Collect the flaps for the collection.*

*Milde Sorte, the favorite international light brand, introduces the latest collection of famous Italian and German Designers.*

## *Collect the flaps for the collection.*

*Each of the Milde Sorte-flaps has a value of 5 cents reduction on the Milde Sorte-Collection. Come to the Milde Sorte-Boutique and have a look at the fashionable new style of skirts, trousers and jackets, made of pure cotton and linen in exciting new colours. Due to the exclusivity we guarantee your individual outfit.*

## *See you at the Milde Sorte-Boutique,*

132ᴮ Tower Rd., Sliema (opposite Fortizza)

# APPELL

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed jippjana u jaħdem fuq proġett sabiex jiġi mwaqqaf

## MUŻEW TA' OĠĠETTI U STORJA TAL-KORP TAL-PULIZIJA

fejn jiġu esibiti materjal, ta' liema natura jkun, li għandu x'jaqsam ma' l-istess Korp.

Għalhekk, nistiednu lil dawk kollha li jgħandhom xi oġġetti, bħal Ritratti Qodma, Dokumenti, Midalji, Badges, Ilbies eċċ., li jistgħu jirregalawhom, jew jisilfuhomna ħalli nieħdulhom ritratti, sabiex jagħmlu dan, biex il-Mużew jiġi attrezzat kif inhu xieraq.

Min igħin f'dan ir-rigward, ismu jitniżżel f'Album ta' Tifkira fis-Sala ta' l-Esibiti.

Nirringrazzjawkom minn issa.

# IT-TEATRU MANOEL

● *ikompli minn paġna 21*

Malta, imdemma b'ħafna ġrieħi tat-Tieni Gwerra Dinjija; bit-Teatru ewlieni tagħha – Ir-Royal Opera House – li kien (u disgrazzjatament għadu) rovina waħda, kellha x-xorti li terġa' iġġedded okkażjoni Soċjali oħra, denja rivali tat-tnejn l-oħra li semmejt iktar qabel. It-Teatru Manoel reġa' ħa l-ħajja, kif jgħidu l-Ingliżi "with a vengeance". Sens ta' eleganza kienet l-għajta ta' kulħadd u l-udjenza li mballat it-Teatru, kienet tabilħaqq distinta, bl-aqwa personalitajiet, nies li jiffurmaw il-krema tas-soċjetà, u nies oħra dilettanti tal-mużika minn kull klassi soċjali, li sabu ruħhom magħqudin qaqoċċa f'dan it-Tempju ta' l-Arti, li fih, bħal l-antenati tagħhom ta' mitejn sena qabel, inġabru biex igawdu rikrejazzjoni onestà – "Ad honestaten populi dilectationem" – kif rieda l-fundatur tiegħu l-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena.

Dan li għedt illum daħal fl-Istorja ta' pajjiżna u dawn ir-reminixenzi ma humiex ħlief memorji sbieħ ta' xi wħud mir-rappreżentazzjonijiet memorabbli li saru fit-Teatru Manoel.

Il-Manoel, b'dan kollu għandu u jeħtieġ li jkollu, missjoni wisq iktar nobbli x'jaqdi minbarra r-repertorju regolari u varjat li bħala Teatru jrid ikollu. Dan hu monument nazzjonali dehen ta' l-okkażjonijiet famużi li diġà kellu u li għad irid ikollu, iżda fuq kollox il-palkoxeniku tiegħu jrid ikun kamp ta' battalja intelliettwali fejn it-talent lokali jrid jikkompeti ma' l-artisti rinomati li minn żmien għall-ieħor jiġu mistiedna biex jonoraw dan it-Tempju ta' l-Arti, u għalhekk hu meħtieġ li l-attivitajiet tiegħu jkunu oltre li divertenti u ta mistrieħ mentali, anke istruttivi, artistiċi u denji tal-livell għoli li l-kultura Ewropeja tagħna jixirqilha.



*Dettal mill-istatwa tal-Bambina, meqjuma fil-Bażilika ta' l-Isla.*

# L-ISLA U L-BAMBINA

● *ikompli minn paġna 24*

Fl-1757, maltempati tal-biżgħa ħakmu dawn il-Gżejjer. Ir-riħ tant kien qawwi li beda jiġġarraf il-bini. Il-poplu, miġbur fil-Knisja għamel wegħda ta' pellegrinaġġ bl-Istatwa tal-Vitorja, għall-Knisja tal-Portu Salvu. Talbhom instema' u ħareġ il-bnazzi.

Ħafna jsostnu li l-aktar ġrajja mportanti ta' l-Isla, wara dik ta' l-Assedju l-Kbir, kienet l-Inkoronazzjoni ta' l-Istatwa tal-Bambina fl-4 ta' Settembru 1921, li għal żmien twil kien privileġġ uniku għal statwa f'Malta. Għal dik l-okkażjoni, l-Istatwa ġiet indurata, arġentata u mżejjna b'ġojjelli u ħaġar prezzjuż, biex ħadet is-sura li għandha llum.

Għandna għax inkunu grati lejn l-antenati tagħna, li bi bżulithom u aktarx ukoll bis-sagrifiċċji li għamlu, ħallew dawn l-opri, li qed ingawdu aħna llum.

**REFERENZI**

1. Alexander Bonnici: L-ISLA – Vol. I. pp 125-126.
2. Francesco Abela: 'Tifkira Żgħira ta' l-Inkoronazzjoni ta' Marija Bambina' – pp 9-11.
3. Alexander Bonnici: op.cit. Vol. II. p 217.




Manufacturers of:

OLYMPIC

quality stationery

MORONI STR. GZIRA TEL: 330869

BELL'S

SCOTCH WHISKY




the Scotch of the year
and every year since 1825

ARTHUR BELL & SONS plc., ESTABLISHED 1825

**TRADE ENQUIRIES: NAPA LTD. TEL. 441949 - 499495**

A RANGE OF
ADVANCED
AUTOMOTIVE
LUBRICANTS
UNDER ONE
GREAT NAME...

TOTAL

MEETING TODAY THE LUBRICATION
DEMANDS OF TOMORROW.

Authorised Distributors

in Malta:

MED STAR LIMITED

ST. ANTHONY STREET,
SAN GWANN,
MALTA

ORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTSP
PORTSPORTSPORTS **mis-Surġent R. Cilia** RTSPORTS
TSPORTSPORTSPORTSPOIRTSPORTSPOR

**FOOTBALL**
League tal-Football għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali 1985-86.
Division II



*Wieħed mill-formazzjonijiet tal-Korp li ħa sehem fil-league.*

**PULIZIJA ................ 3**
**ENG. INST. ................ 0**

Wara bidu kemmxejn ħażin f'dan il-league tal-Gvern u Korpi Parastatali t-team tal-Pulizija ried joħroġ rebbieħ minn din il-logħba biex forsi jkollu xi tama li jispiċċa fl-ewwel postijiet ta' dan il-league.

Il-bidu ta' din il-partita kien xi ftit fortunat għat-team tal-Pulizija għaliex propju fil-5 minuta ta' l-ewwel taqsima kien hemm xutt ta' Carmel Borg għat-team tal-Eng. Inst. li PC217 P. Dibbon deher li laqa', però l-ballun ħarablu minn idu u spiċċa mal-lasta. Wara din il-ħasda inizjali t-team tal-Pulizija beda jidħol aktar fil-logħba u fis-16-il minuta ballun li deher destinat għal ġewwa ġie maqlugħ minn fuq il-linja mill-captain tat-team tal-Eng. Inst. Gino Muscat. Fit-23 minuta wasal l-ewwel goal għat-team tal-Pulizija meta double kick ta' PS496 G. Borg ħabtet mal-lasta u mir-rebound PC366 E. Psaila tefa' l-ballun fix-xibka.

Għat-tieni taqsima t-team tal-Pulizija kompla fejn ħalla fl-ewwel taqsima u wara biss 4 minuti wasal it-tieni goal għat-team tal-Pulizija. Corner ta' PC129 R. Aquilina, għola tajjeb PC617 D. Camilleri li ndirizza l-ballun bir-ras lejn il-lasta, sab difensur jiprova jaqla' l-ballun 'il barra bir-ras iżda spiċċa ġewwa. Fil-15-il minuta wasal it-tielet u l-aħħar goal għat-team tal-Pulizija fejn PC607 J. Camilleri rċieva ballun fit-tul, ħarab waħdu lejn il-lasta avversarja, u rnexxielu jqabbeż il-ballun minn fuq ras il-goalkeeper wara li dan ta' l-aħħar ħareġ mil-lasta biex jagħlaq l-angolu. Wara dan il-goal it-team tal-Pulizija għamel żewġ sostituzzjonijiet fejn PC960 J. Scerri daħal flok PC129 R. Aquilina u PC585 J. Calleja daħal flok PC1401 J. Pisani.

Għall-kumplament tal-logħba t-team tal-Pulizija kompla jiddetta l-logħba u reġa' mar viċin li jkabbar l-iskor meta fuq cross ta' PC585 J. Calleja PC960 J. Scerri tefa' l-ballun kemm kemm barra, biex l-iskor finali baqa' jaqra 3-0 favur it-team tal-Pulizija.

**PULIZIJA ................ 0**
**P.W.D. ................ 2**

Din il-logħba li ntlagħbet fin-New Lyceum Ground kienet waħda ferm importanti għaż-żewġ naħat għaliex it-tnejn kienu biċ-ċans li jirbħu l-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni. It-team tal-Pulizija niżel għal din il-logħba b'formazzjoni nieqsa minn xi elementi mportanti u għalhekk it-team tagħna kien f'pożizzjoni inferjuri għat-team tal-P.W.D. li kellu players li jilgħabu fil-Premier Division tal-M.F.A. bħal George Xuereb tal-Ħamrun Spartans, Stephen Xuereb tas-Sliema Wanderers u players oħrajn b'esperjenza fil-league tal-M.F.A.

Il-bidu tal-logħba kien ħażin għat-team tagħna għaliex propju fis-6 minuta M. Rizzo għall-P.W.D. ta cross perfett lejn il-lasta tal-Pulizija fejn għola għall-ballun il-goalkeeper PS637 J. Bonello li ma ħax il-ballun u spiċċa għand D. Coleiro li bir-ras tefa' ġewwa.

Il-logħba baqgħet xi ftit kwieta biż-żewġ naħat jikkontrollaw l-attakki tat-team avversarju, sakemm fil-25 minuta ġie ċans sabieħ għat-team tal-Pulizija li jġib id-draw meta minn cross ta' PC960 Scerri l-ballun ġie għand PC607 J. Camilleri li pprova xutt lejn il-lasta li ġie milqugħ b'diffikultà mill-goalkeeper C. Farrugia tal-P.W.D. li tajjar il-ballun għan-nofs u mir-rebound il-ballun ġie għand PC366 Psaila li ra x-xutt finali tiegħu jiġi mblukkat mill-goalkeeper mgħejjun mil-lasta. Għaxar minuti wara wasal it-tieni goal għat-team tal-P.W.D. meta minn through pass ta' M. Rizzo lejn S. Theuma li għadda n-nassa tal-off side u waħdu quddiem il-goalkeeper ma kellux diffikultà li jiskorja.

Għat-tieni taqsima t-team tal-P.W.D. daħħal lil A. Micallef flok G. Gatt. F'din it-taqsima t-team tal-Pulizija pprova jnaqqas il-marġni tal-iskor u proprju fit-2 minuta wasal ċans tad-deheb meta PC960 Scerri rnexxielu jaħrab in-nassa tal-off-side u wara li avvanza waħdu fajjar xutt li mar barra. Wara żewġ minuti ġie ċans ieħor għal PC960 Scerri li fuq clearance ħażin ta' difensur il-ballun ġie għandu u waħdu quddiem il-goalkeeper reġa' tefa' għoli.

Il-partita kompliet bit-team tal-P.W.D. jikkontrolla tajjeb biex ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 2-0 u jsaħħaħ iċ-ċans tiegħu għar-rebħ tal-league.


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –

**Open a current account with the Bank of Valletta.**

## Bank of Valletta Limited, Malta

*For a Better Service*